



EUROPEAN CITIZENS' PANEL
Tackling Hatred in Society



Panel taċ-Ċittadini Ewropej **biex jiddiskuti** **l-Indirizzar tal-** **Mibegħda fis-Soċjetà**

Sommarju tas-Sessjoni 1

[5-7 ta' April 2024]

Fi ftit kliem...

L-ewwel sessjoni kommoventi u promettenti

Kif nistgħu nispjegaw iż-żieda tal-mibegħda fis-soċjetà? X'qed jagħtiha spinta u jikkawżaha? U kif nistgħu nindirizzawha lkoll flimkien? 150 ċittadin tal-UE magħżula b'mod aleatorju, miġbura flimkien mill-Kummissjoni Ewropea, se jkollhom l-għan li jwieġbu dawn il-mistoqsijiet iebsa fuq perjodu ta' tliet weekends. Fl-aħħar mill-aħħar, iċ-ċittadini se jippreżentaw sett ta' rakkomandazzjonijiet li se jipprovdu informazzjoni fil-ħidma tal-Kummissjoni Ewropea għall-iżvilupp ta' strateġiji għall-ġlieda kontra l-mibegħda.

L-ewwel sessjoni ta' dan il-Panel taċ-Ċittadini l-ġdid saret mill-5 sas-7 ta' April fi Brussell. Matul dawn it-tlett ijiem, l-esperti u l-membri tas-soċjetà ċivili qasmu l-esperjenzi u l-għarfien tagħhom dwar is-suġġett. L-objettiv ta' dan l-ewwel weekend kien li jissawwar fehim aħjar tal-mibegħda u tal-impatt tagħha fuq in-nies u fuq is-soċjetà tagħna. Il-parteciċipanti mis-27 Stat Membru tal-UE ddiskutew mill-perspettiva tal-kuntesti nazzjonali u kulturali differenti tagħhom u kif ukoll tal-esperjenzi personali tagħhom. Dawn ir-rakkonti onesti u kommoventi kienu fost l-elementi li għamlu din l-ewwel sessjoni ta' dan il-Panel unika.

X'nistgħu nitgħallmu minn din l-ewwel sessjoni?

Jum 1: Nifhmu l-manifestazzjonijiet ta' mibegħda

“Beħsiebna ninvolvukom fid-dibattitu politiku mill-bidu nett,” qalet **Dana Spinant**, id-Direttur Ġenerali tad-Direttorat Ġenerali għall-Komunikazzjoni (DG COMM), hi u tilqa' ċ-ċittadini nhar il-Ġimgħa.



“Id-diversità tat-tweġibiet se taffaxinakom iżda anki d-diffikultà tal-mistoqsijiet li jinqalgħu” kompli **Colin Scicluna**, il-Kap tal-Kabinett għall-Viċi President Dubravka Šuica. Tabilħaqq, għal **Ana Gallego Torres**, id-Direttur Ġenerali tad-Direttorat Ġenerali għall-Ġustizzja u l-Konsumaturi, l-isfidi li ġġib magħha l-mibegħda jistgħu jiġu indirizzati b'kontribut miċ-ċittadini. *“Neħtieġu l-opinjoni tagħkom biex inkunu nistgħu naħsbu dwar affarijiet minn perspettivi differenti. L-UE hija Unjoni li tavvalorizza r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u għall-individwi li jagħmlu parti minn minoranzi. Irridu nirrispettaw l-opinjoni ta' kulħadd, dan huwa l-patt soċjali tagħna u dak li jagħmilna Ewropej”*.

Il-Panel kompla billi jesplora diversi dimensjonijiet ta' mibegħda – psikoloġika, soċjoloġika u legali mal-membri tal-Kumitat tal-Għarfien.

Il-mibegħda mhijiex biss ħsieb...

Għal **Manos Tsakiris**, Professur tal-Psikoloġija fl-Università ta' Londra, waħda mill-isfidi tinsab fl-iskoperta tar-“raġuni għala” nistgħu nħossu l-mibegħda, b'mod partikolari permezz ta' sensibilizzazzjoni emozzjonali. **Arun Mansukhani**, psikologu kliniku li jispeċjalizza fit-trauma psikoloġika, innota li aħna niddefinixxu lilna nfusna permezz tar-relazzjonijiet tagħna ma' gruppi oħra, billi niddifferenzjaw lilna nfusna. Din id-differenzjazzjoni, li tissawwar fuq diversi preġudizzji, tista' twitti t-triq lejn id-diskriminazzjoni.

Il-mibegħda hija sistemika

Jelena Jovanovic, il-koordinatur tal-intergrupp dwar id-diversità u kontra r-razziżmu fil-Parlament Ewropew, ikkondividiet l-istigmatizzazzjoni li ġarrbet bħala individwu Roma. **Federico Faloppa**, Professur tas-Soċjolingwistika fl-Università ta' Reading, enfasizza r-rwol kritiku li għandha l-lingwa fit-tfassil ta' kif ninterpretaw ir-realtà. Il-lingwa tagħna ta' kuljum miżgħuda espressjonijiet li jxerrdu l-mibegħda: minn insulti razzisti ċari għal metafori diżumanizzanti, u frażijiet apparentement innoċenti iżda insidjużi: dawn jistgħu jsaħħu l-kunċetti diviżivi ta' “aħna” versus “huma”.

X'inhuma r-reazzjonijiet legali?

Nesrine Slaoui, ġurnalista u awtriċi indipendenti b'enfasi fuq il-media soċjali, indirizzat l-espressjoni tal-mibegħda bħala fenomenu globali li jmur lil hinn mill-klassijiet soċjali. Enfasizzat il-kultura tal-internet, speċifikament il-bullying ċibernetiku, u l-kwistjoni tal-preġudizzji algoritmiċi li jirriflettu d-diskriminazzjonijiet soċjetali. Mil-lat legali, **Daris Lewis-Recio**, Uffiċjal Legali u tal-Politika f'EQUINET (in-Network Ewropew għall-Korpi Nazzjonali tal-Ugwaljanza) eżamina r-reati ta' mibegħda u kemm ma tantx jiġu rrapportati. Din ix-xejra allarmanti toħloq theddida sinifikanti għall-integrità demokratika.

Jum 2: Niddfinixxu l-fatturi tal-mibegħda



Is-Sibt, iċ-ċittadini nqasnu fi 12-il grupp iżgħar biex jeżaminaw il-fatturi u l-kawżi ewlenin tal-mibegħda fis-soċjetà kontemporanja. Filwaqt li l-kontenut ta' kull diskussjoni jibqa' kunfidenzjali, is-sommarju li ġej jirrifletti ċerti fatturi ewlenin u rikorrenti li ħarġu fil-gruppi kollha.

Il-ħtieġa li nkunu parti minn grupp, u l-biża' minn dak li mhux magħruf

Aspett fundamentali tan-natura tal-bniedem huwa x-xewqa innata li wieħed ikun parti minn grupp soċjali. L-iżolament, li jingħata spinta mis-solitudni, minn avvenimenti trawmatiċi fit-tfulija, mit-trobbija, u mill-esperjenzi ġenerali tal-ħajja, irawwem sens profond ta' distakk. Il-pandemija tal-COVID-19 enfasizzat kif il-biża' minn dak li mhux magħruf u l-iżolament jistgħu jamplifikaw is-sentimenti ta' distakk, filwaqt li jwasslu biex l-individwi jersqu lejn ideoloġiji estremi u r-riskju tar-

radikalizzazzjoni, u b'hekk titrawwem l-animożità lejn oħrajn. Barra minn hekk, status soċjoekonomiku fraġli mhux biss jenfasizza l-vulnerabbiltà iżda jimplifika wkoll il-biżgħat, b'mod partikolari tal-migranti u l-minoranzi, u jikkontribwixxi għal ċiklu ta' esklużjoni u mibegħda.

Ir-rwol tal-politiċi u d-diskorsi politiċi

Il-politiċi għandhom rwol sinifikanti fit-trawwim tal-mibegħda, u spiss jonqsu milli jindirizzaw il-ħtiġijiet tal-minoranzi kif xieraq u joħolqu l-animożità kontribom. Id-diskorsi nazzjonalisti u populistu joħolqu sfida kumplessa f'bosta pajjiżi, anke jekk il-preżenza tagħhom tista' ma tkunx daqstant importanti f'kull Stat Membru tal-UE. Id-diskors ta' mibegħda jservi bħala għodda konvenjenti għall-politiċi biex imexxu għaniethom, inklużi l-ambizzjonijiet elettorali, li jwasslu għas-simplifikazzjoni żejda tad-diskors politiku. Din ix-xejra lejn l-integrazzjoni fil-mentalità tal-massa tad-diskors ta' mibegħda sserraħ fuq l-injoranza u l-biża' minn dak li mhux magħruf li jħossu ħafna ċittadini Ewropej, li tkompli tifred is-soċjetajiet u żżid il-polarizzazzjoni.

Il-bullying ċibernetiku, l-anonimità u l-miżinformazzjoni fuq il-media soċjali

L-anonimità li jagħtu l-pjattaformi soċjali għandha rwol kruċjali fil-propagazzjoni ta' diskors ta' mibegħda. Dawn in-networks jaqdu rwoli doppji: bħala mezzi għall-miżinformazzjoni u d-diżinformazzjoni, u t-tixrid ta' stereotipi, b'mod partikolari kontra n-nisa, li jiffaċċjaw fastidju sinifikanti online. Iż-żgħażaġħ, filwaqt li jfittxu sens ta' appartenenza, x'aktarx li jkun kemm parteċipanti kif ukoll vittmi prinċipali ta' diskors ta' mibegħda u fastidju online. L-isfida biex tiġi indirizzata informazzjoni falza u mhux ivverifikata hija aggravata minn preġudizzji algoritmiċi li joħolqu kmamar tal-eku, jew bżieža, li jdamdmu lura fuqna l-fehmiet tagħna, u b'hekk innaqqsu l-esponiment għal perspettivi diversi.

Inugwaljanzi ekonomiċi u soċjali bħala katalizzatur għall-mibegħda


It-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku u l-inugwaljanzi soċjoekonomiċi jaġixxu bħala katalist sinifikanti għall-eskalazzjoni tal-mibegħda, u jinstigaw sentimenti ta' privazzjoni tad-drittijiet. In-nuqqas ta' sodisfazzjon ġenerali, flimkien mal-perċezzjoni li l-klassijiet medji jgħorru porzjon aktar milli jmisshom tal-piż tal-kriżi, filwaqt li jiffaċċjaw ukoll tassazzjoni eċċessiva, ikomplu jferrxu r-riżentiment. Dan ir-riżentiment jista' jevolvi f'mibegħda diretta lejn diversi gruppi, inklużi l-politiċi meqjusa bħala ineffettivi, in-negozji l-kbar, u l-migranti.

Il-legat kulturali u storiku u t-trażmissjoni tiegħu

In-nuqqas ta' fiduċja lejn xulxin mhuwiex biss kwistjoni esterna; jinfirx ukoll fin-nisġa tas-soċjetajiet Ewropej, filwaqt li jrawwem id-diviżjonijiet. Minflok ma nikkultivaw apprezzament għall-kuntesti diversi tagħna, hemm tendenza li ngħaddu n-nuqqas ta' fiduċja tagħna lejn xulxin minn ġenerazzjoni għall-oħra. Din l-inklinazzjoni lejn nuqqas ta' fiduċja spiss tkun aktar faċli milli wieħed iħaddan lill-“oħrajn”: is-saffi tal-wirt tagħna, rikki b'narrattivi storiċi inklużi kunflitti bħall-gwerer, jingħataw lilna permezz ta' diversi mezzi: l-edukazzjoni formali, ir-rakkonti tal-istess fil-familja, u r-retorika politika. Dawn in-narrattivi jistgħu jsawru l-perċezzjonijiet u l-attitudnijiet, li xi drabi jsaħħu d-

diviżjonijiet aktar milli jgħaqqduna. Illum għad hemm nuqqas notevoli ta' involviment fid-definizzjoni ta' x'jorbot liċ-ċittadini Ewropej flimkien.

Jum 3: Kondiviżjoni u xhieda



ġurnalista u awtriċi

Il-Ħadd, ħames kelliema ġew biex jagħtu xhieda quddiem il-150 ċittadin tal-istejjer tagħhom li kienu vittmi ta' diskriminazzjoni minħabba l-oriġini, il-ġeneru, il-kulur tal-ġilda, ir-reliġjon, jew id-diżabilità fiżika tagħhom.

Fi kliemhom: "L-adozzjoni ta' perspettiva suġġettiva dwar il-mibegħda hija kruċjali biex tinkixef il-vjolenza sottostanti li timmanifesta. Dan l-approċċ mhux biss japprofondixxi l-fehim tagħna iżda wkoll jiggwidana fit-tfassil ta' soluzzjonijiet effettivi biex neqirduh.," **Nesrine Slaoui**,

"Il-persuni b'diżabilità spiss iħabbtu wiċċhom ma' nuqqas ta' fehim, fejn l-awtoritajiet kompetenti mhux dejjem jeħduhom bis-serjetà. [...] Huwa kruċjali li nibdlu l-mod kif naraw id-diżabilità u nitkellmu dwarha biex nipromwovu soċjetà aktar inklużiva u rispettuża," **Kamil Goungor**, Uffiċjal ta' Appoġġ għall-Politika u l-Moviment fin-Network Ewropew għal Għajxien Indipendenti.

"L-antisemitiżmu jinkludi mhux biss l-aggressjoni u l-qtil iżda wkoll spettru ta' gradazzjonijiet li jinkludu stereotipi, preġudizzji, u diskors derogatorju. Jiġġenera sentiment profond ta' solitudni, li jwassal biex dak li jkun jingħalaq fih innifsu u jinqabad f'ċirku vizzjuż." **Sacha Guttmann**, ex president tal-Unjoni tal-Istudanti Lhud fil-Belġju (UEJB) (2019-2023).



"Din il-forma ta' razziżmu ġejja minn passat imbiegħed, minn era kolonjali li fiha l-Ewropa, l-Istati Uniti, u l-Lvant Nofsani stagħnew. Il-mentalitajiet idumu wisq biex jinbidlu. (...) Minkejja dan kollu, il-preżenza tagħkom hawnhekk, u peress li se tkunu alleati fl-azzjoni, tkompli timlini bit-tama." **Mireille Tsheusi-Robert**, awtriċi, għalliemna u riċerkatriċi "assoċjattiva" Belġjana

"Għalkemm jaf ma jirnexxilniex noħolqu dinja ideali ħielsa mill-mibgħeda, nistgħu noħolqu dinja fejn l-esklużjoni u l-mibgħeda ma jkunux dominanti, fejn l-esklużjoni nistgħu neliminawha.", **Fabian Wichmann**, jagħti appoġġ bħala membru tat-tim ta' EXIT tal-Ġermanja, lill-persuni li jridu jabbandunaw l-estremiżmu lemini.

"Ejjew nistaqsu x'ma nafux li għadna ma nafux", appellat **Robin Sclafani**, id-direttur eżekuttiv tas-CEJI. Fit-tmiem ta' għodwa mimlija emozzjonijiet, **Tommaso Chiamparino**, Uffiċjal tal-Politika, Direttorat Ġenerali għall-Ġustizzja u l-Konsumaturi (DG JUST) irrimarka, "Għamilna progress: minn

stat ta' kakofonija, inħoss li wasalna għal xi ħaġa aktar armonjuża... ejjew inkomplu nrawmu din il-melodija!”.

Ikklikkja [hawn](#) biex tara r-reġistrazzjoni tas-sessjoni plenarja tal-Ħadd!

M&T ma' Petra (19), mill-Ungerija

Għaliex qed tipparteċipa f'dan il-Panel?

“Għall-ewwel żammejt lura milli niġi, kont xettika ħafna, imma rrealizzajt li kienet opportunità tajba biex nesprimi ruħi u l-opinjoni tiegħi. Jien Lhudija u fl-Ungerija hemm ħafna antisemitiżmu, xi persuni huma apertament razzisti u kontra l-LGBTQI+, xtaqt nitkellem dwar is-sitwazzjoni tal-belt fejn ngħix: Budapest.”

Kif marru l-iskambji?


“Fil-grupp ta' ħidma tiegħi, kien hemm nies mill-Ungerija, mill-Irlanda, minn Franza u mill-Polonja. Tkellimna dwar is-sitwazzjoni fl-Ungerija, u dwar it-theddid għan-nisa fuq il-media soċjali, fost l-oħrajn. Fuq il-media soċjali, in-nisa huma ppreżentati b'mod li ma jaqbilx mar-realtà, iżda pjuttost iħabbtu wiċċhom ma' dak li s-soċjetà tishajjel li huma n-nisa, jew kif għandhom ikunu, li huwa diffiċli ħafna.”

X'kien l-aqwa punt minn din l-attività?

“It-testimonjanzi tal-Ħadd kienu b'saħħtihom ħafna, it-testimonjanzi ta' Mireille u Sacha dwar ir-razziżmu u l-antisemitiżmu kienu tassew kommoventi u laqtuni sew. Dan il-panel huwa spazju internazzjonali bir-rappreżentazzjoni tan-nazzjonalitajiet kollha tal-UE biex nifhmu u nitgħallmu minn fehmi u opinjonijiet differenti. Huwa importanti ħafna li nitgħallmu minn xulxin, u nkomplu nwasslu aktar opinjonijiet, inkomplu nisimgħu u niddiskutu aktar perspettivi dwar is-suġġett tal-mibegħda”.

It-tmiem il-gimġha mill-perspettiva ta' Sylvain

Sylvain huwa faċilitatur grafiku, li jiġbor l-evoluzzjoni tad-diskussjonijiet tal-Panel b'mod viżiv. Hawn taħt nilmħu l-impressjonijiet tiegħu tal-plenarja tal-Ħadd:



Tfakkira: L-objettivi tat-3 sessjonijiet kollha

- **Sessjoni 1, 5-7 ta' April:** L-iżvilupp ta' fehim komuni tal-mibegħda u l-ambitu tal-Panel ta' Ċittadini. It-tneħħija tal-emozzjonijiet u tal-perċezzjonijiet tal-mibegħda, inkluż bil-kondiviżjoni u s-smiġħ ma' kelliema, testimonjanzi u esperti esterni . L-identifikazzjoni tal-kawżi u l-fatturi differenti tal-mibegħda kif ukoll l-oqsma ta' azzjoni potenzjali li fihom tista' tiġi indirizzata l-mibegħda fis-soċjetà.
- **Sessjoni 2, 26-28 ta' April:** Filwaqt li jibnu fuq il-ħidma tas-Sessjoni 1, iċ-ċittadini se jiżviluppaw ideat dwar kif għandna nindirizzaw il-problema tal-mibegħda fis-soċjetà. Dawn l-ideat jistgħu jitqiesu bħala abbozzi ta' rakkomandazzjonijiet.
- **Sessjoni 3, 17-19 ta' Mejju:** Iċ-ċittadini se jirfinaw dawn l-ideat u r-rakkomandazzjonijiet bl-appoġġ ta' faċilitaturi esperjenzati, persuni ta' riżorsi mis-soċjetà ċivili u esperti tal-kontenut. Eventwalment, dawn l-ideat isiru r-rakkomandazzjonijiet finali dwar kif għandha tiġi indirizzata l-mibegħda fl-Ewropa.